# AKKWIST TA' SERVIZZI TA' MANUTENZJONI U SAĦĦA U SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

## 1. Introduzzjoni

Matul dawn l-aħħar snin, l-esternalizzazzjoni kienet tendenza dejjem tikber fl-organizzazzjonijiet tax-xogħol moderni. Rapport u skeda informattiva pubblikati mill-EU-OSHA fl-2002 [1, 2] enfasizzaw dan l-iżvilupp u kkonkludew li "bħalissa ħafna kumpaniji jwettqu biss il-funzjonijiet ewlenin b'mod intern filwaqt li funzjonijiet anċillari ġew esternalizzati. Dan jirriżulta fi ktajjen ta' fornituri u sottokuntratturi [2]." inklużi

- Il-klijent (jew il-kumpanija ospitanti) = il-kumpanija li testernalizza l-kompitu. Ix-xogħol ħafna drabi jitwettaq fil-bini tal-klijent.
- Il-kuntrattur (u l-ħaddiema) = il-kumpanija li tiffirma l-kuntratt mal-klijent biex jipprovdi s-servizzi bħal pereżempju xogħlijiet ta' manutenzjoni;
- Is-sottokuntrattur (u l-ħaddiema) = it-tielet kumpanija kuntrattata mill-kuntrattur, pereżempju għal xogħlijiet speċjalizzati jew xogħlijiet anċillari minuri.

Il-manutenzjoni, manutenzjoni korrettiva kif ukoll preventiva, hi attività anċillari tipika li l-intrapriżi ħafna drabi jesternalizzaw billi jiffirmaw kuntratti ma' fornituri esterni tas-servizzi. Id-dejta tindika li din it-tendenza baqgħet għaddejja bla waqfien sal-lum. Stħarriġ li twettaq fi Franza wera li l-manutenzjoni hi waħda mill-aktar funzjonijiet esternalizzati fl-industrija fi Franza. Skont is-SESSI (Awtorità Franċiża għar-Riċerka Industrijali u l-Istatistika), huma biss 2 % tal-kumpaniji industrijali b'mill-inqas 20 ħaddiem li wettqu l-manutenzjoni huma stess, u 96 % ta' dawn il-kumpaniji esternalizzaw xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-inqas parzjalment fl-2005 '[3].

Ħafna kumpaniji jesternalizzaw ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tagħhom lil fornituri esterni tas-servizzi, u jippreferu jiffukaw fuq in-'negozju ewlieni' tagħhom. Ir-raġunijiet wara dan, kif ukoll il-vantaġġi u l-iżvantaġġi, huma kkunsidrati fit-Tabella 1.

**Tabella 1: Ir-raġunijiet għall-esternalizzazzjoni u l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha [4]**

| Suppożizzjonijiet | Vantaġġi | Żvantaġġi |
|---|---|---|
| ▪ xogħol ta' manutenzjoni hu separat mix-xogħol l-ieħor fl-intrapriża / impjant, virtwalment indipendenti u definit b'mod ċar | ▪ fornituri ta' servizzi ta' manutenzjoni speċjalizzati għandhom aktar kompetenzi mill-klijenti | ▪ dipendenza fuq il-kwalità tal-fornitur ta' servizz |
| ▪ hemm fornituri ta' servizzi kompetenti bis-soluzzjonijiet ta' manutenzjoni adegwati tagħhom, u sistema tajba tal-immaniġġjar tas-sigurtà | ▪ fornituri ta' servizzi tajbin jistgħu jgħinu biex tittejjeb l-istrateġija ta' manutenzjoni | ▪ il-ħaddiema tal-kuntrattur mhumiex familjari mal-intrapriża / impjant, jista' jkollhom ukoll kultura ta' sigurtà differenti |
| ▪ hemm kriterji ċari biex jintgħażel il-kuntrattur ta' manutenzjoni xieraq | ▪ fornituri ta' servizzi speċjalizzati jista' jkollhom soluzzjonijiet preventivi aħjar biex jimminimizzaw il-perikli assoċjati max-xogħlijiet ta' manutenzjoni | ▪ l-ewwel darba li l-kuntratturi jkunu fuq il-post ikollhom bżonn induzzjoni speċjali u aktar estensiva u superviżjoni akbar |
| | ▪ kumpaniji (klijenti) jistgħu jikkonċentraw fuq l-attivitajiet ewlenin tan-negozju tagħhom | |

# 2. Esternalizzazzjoni tal-manutenzjoni: kwistjonijiet dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol

Tradizzjonalment, xogħlijiet ta’ manutenzjoni f’kumpaniji kienu jitwettqu minn persunal ta’ manutenzjoni intern u speċjalizzat. Madankollu, matul l-aħħar deċennji kien hemm bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta’ manutenzjoni. Illum, xogħlijiet ta’ manutenzjoni jistgħu jkunu kondiviżi bejn operaturi u persunal tal-manutenzjoni, jew esternalizzati parzjalment jew kompletament [5]. Il-manutenzjoni kienet l-aktar funzjoni sottokuntrattata fl-industrija fi Franza skont stħarriġ Franċiż immexxi fl-2005 [6].

Dawn l-iżviluppi fl-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għandhom konsegwenzi fuq is-saħħa u s-sigurtà. Servizzi ta’ manutenzjoni (sotto) kuntrattati, ħafna drabi huma kkunsidrati bħala fattur aggravanti f’termini ta’ sigurtà u saħħa. Analiżi ta’ bażi ta’ dejta ta’ aċċidenti tax-xogħol Franċiża turi li, fl-2002, ħaddiema tal-manutenzjoni kienu t-tieni l-aktar vittmi frekwenti ta’ aċċidenti relatati mas-sottokuntrattar, immedjatament wara l-ħaddiema tal-kostruzzjoni [6].

L-esternalizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ manutenzjoni tista’ taffettwa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema:

- jekk l-ambjent tax-xogħol mhux familjari;
- jekk l-operazzjonijiet huma frammentati (pereżempju l-ħaddiema ta’ manutenzjoni ma jafux xi twettaq qabel l-operazzjonijiet tagħhom);
- jekk il-persunal estern ma jintlaqax b’mod xieraq;
- jekk mhemmx monitoraġġ/superviżjoni xierqa tal-operazzjonijiet tal-kuntratturi;
- jekk mhemmx persuna ta’ kuntatt interna b’għarfien speċjalizzat [5].

L-esternalizzazzjoni tista’ taffettwa wkoll il-persunal intern minħabba:

- diffikultajiet fiż-żamma ta’ kompetenza speċjalizzata, u għaldaqstant fil-monitoraġġ tal-attivitajiet imwettqa mill-kuntrattur;
- valutazzjoni mhux korretta tal-kundizzjoni tat-tagħmir jew l-istallazzjonijiet minħabba l-ħafna operazzjonijiet ta’ manutenzjoni esternalizzati;
- tagħmir li jiġi msewwi b’manjiera traskurata (għaldaqstant it-tagħmir ma jkunx fl-aħjar kundizzjoni) minħabba li s-servizzi ta’ manutenzjoni esterni ma jkunux disponibbli mill-ewwel
- nuqqas ta’ koordinazzjoni bejn il-klijent u l-kuntrattur u bejn (is-sotto)kuntratturi differenti, u nuqqas ta’ komunikazzjoni xierqa dwar ix-xogħlijiet li jkunu għaddejjin [5].

Tmexxija tal-klijent u impenn għal titjib kontinwu tas-saħħa u s-sigurtà huma rikonoxxuti bħala motivatur importanti għat-titjib tal-prestazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà matul il-katina tal-provvista. Għaldaqstant, meta tiġi esternalizzata l-manutenzjoni, il-kumpaniji jeħtieġ li jikkunsidraw l-implikazzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà tax-xogħol li jixtiequ li jsir u jagħżlu kuntrattur li jista’ juri l-kompetenzi neċessarji għax-xogħol u li jista’ jopera wkoll skont is-sistemi xierqa tas-saħħa u s-sigurtà. Dan jeħtieġ l-integrazzjoni tal-aspetti tas-saħħa u s-sigurtà fil-proċedura tal-akkwist u li l-kunsiderazzjonijiet ta’ saħħa u sigurtà jingħataw attenzjoni sinifikanti fil-kriterji tal-għażla u l-għoti għall-kuntratt.

Gwida mill-HSE [7] tissuġġerixxi li biex tiġi determinata l-kompetenza tal-kuntrattur, il-kumpaniji jistgħu jitolbu informazzjoni dwar:

- l-esperjenza li għandhom fit-tip ta’ xogħol li jrid jsir;
- il-politiki u l-prattiki ta’ saħħa u sigurtà tagħhom;
- il-prestazzjoni ta’ saħħa u sigurtà riċenti tagħhom (numru ta’ aċċidenti, eċċ.);
- il-kwalifiki u l-ħiliet li għandhom;
- il-proċedura tal-għażla tagħhom għas-sottokuntratturi;
- it-taħriġ u s-superviżjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà li huma jipprovdu;
- l-arranġamenti tagħhom biex jikkonsultaw mal-ħaddiema tagħhom;
- jekk għandhomx kwalunkwe valutazzjoni indipendenti tal-kompetenza tagħhom;
- jekk humiex membri ta’ kummerċ rilevanti jew korp professjonali;
- jekk huma jew l-impjegati tagħhom għandhomx ‘passaport’ f'taħriġ ta' saħħa u sigurtà (eż. kard ta' sigurtà fil-Finlandja, Ċertifikat tal-VCA fil-Pajjiżi l-Baxxi, eċċ.). Din hi tendenza li dejjem qed tikber f’xi industriji.

Il-klijent għandu bżonn jiżgura ruħu li l-kuntrattur għandu proċedura effettiva biex jimmonitorja u jivverifika l-kompetenza tas-sottokuntratturi. Għandu wkoll jiżgura li hemm sistemi stabbiliti biex tiġi provduta informazzjoni, struzzjoni u taħriġ lis-sottokuntrattur. Meta jintgħażel sottokuntrattur adegwat, kuntrattur jista’ juża ftit jew il-kriterji kollha li klijent juża biex jagħżel kuntrattur adegwat.

# 3. Leġislazzjoni Ewropea

Id-direttivi Ewropej dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjoni trasposti fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri jistabbilixxu standards minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema u japplikaw ukoll meta kumpaniji jużaw il-forrnituri ta' servizzi ta’ manutenzjoni. L-Istati Membri jista’ jkollhom rekwiżiti nazzjonali addizzjonali. Għaldaqstant, hu importanti li tittieħed inkonsiderazzjoni l-leġislazzjoni applikabbli fl-Istat(i) Membru(i) rilevanti.

**Id-Direttiva Qafas (89/391/KEE)** tistabbilixxi l-obbligu ta’ dawk li jħaddmu biex jikkooperaw fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom fi kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-ħaddiema u l-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali, fejn ħafna impriżi jikkondividu l-post tax-xogħol u għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-ħaddiema rispettivi tagħhom u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema b’dawn ir-riskji [8].

Id-Direttiva Qafas tistipula wkoll li dak li jħaddem jiżgura li l-kuntratturi u l-ħaddiema tagħhom involuti f’xogħol fl-impriża u/jew fl-istabbiliment tiegħu jirċievu informazzjoni adegwata u struzzjonijiet xierqa dwar ir-riskji tas-saħħa u s-sigurtà u miżuri protettivi u preventivi waqt l-attivitajiet tagħhom fil-bini tiegħu.

**Id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE** tindirizza l-ħtiġijiet minimi ta’ saħħa u sigurtà f’postijiet ta’ kostruzzjoni temporanji jew mobbli. Hawnhekk it-terminu ‘postijiet ta’ kostruzzjoni temporanji jew mobbli’ jirreferi għal kull post ta’ kostruzzjoni fejn qed jitwettqu xogħlijiet ta’ bini jew inġinerija ċivili, li jistgħu jinkludu attivitajiet ta’ tiswija u ta’ manutenzjoni [9].

Id-Direttiva tistabbilixxi li l-klijent jew is-superviżur tax-xogħlijiet għandu jaħtar koordinatur wieħed jew aktar għal kwistjonijiet ta’ saħħa u sigurtà għal kull post ta’ kostruzzjoni fejn aktar minn kuntrattur wieħed hu preżenti. Pereżempju, waqt l-istadju tal-esekuzzjoni tal-proġett il-koordinatur għandu jorganizza kooperazzjoni bejn dawk li jħaddmu, inklużi dawk kollha li jħaddmu suċċessivi u persuni li jaħdmu għal rashom (jew kull persuna li l-attività professjonali tagħha tikkontribwixxi għat-tlestija ta’ proġett) fuq l-istess post, li jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom b’fehma li jipproteġi l-ħaddiema u jipprevenji l-aċċidenti u l-perikli għas-saħħa okkupazzjonali.

Il-bażi legali għall-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea hi provduta mid-**Direttivi dwar l-Akkwist**, bħad-Direttiva 2004/17/KE u 2004/18/KE, li joffru kamp ta’ applikazzjoni biex jittieħed kont tal-kunsiderazzjonijiet soċjali.

Kemm id-Direttiva 2004/17/KE dwar is-“setturi speċjali” tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali [10] u d-Direttiva 2004/18/KE dwar il-koordinazzjoni ta’ proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi [11] jistipulaw li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-ftehim kollettiv, fuq livell kemm nazzjonali u dak Komunitarju, li huma fis-seħħ fl-oqsma tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol japplikaw matul l-esekuzzjoni tal-kuntratt, bil-kundizzjoni illi dawn ir-regoli, u l-applikazzjoni tagħhom, jikkonformaw mal-liġi Komunitarja.

### Xiri Soċjali - Gwida sabiex Jitqiesu l-Kunsiderazzjonijiet Soċjali f’Kuntratti tal-Akkwisti Pubbliċi

Il-gwida kienet abbozzata mill-Kummissjoni biex tispjega l-opportunitajiet offruti mill-qafas legali eżistenti tal-UE sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jieħdu kont tal-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku tagħhom, filwaqt li għaldaqstant jagħtu attenzjoni mhux biss għall-prezz imma anke għall-aħjar valur għall-flus. Il-Gwida ġiet prodotta primarjament għal awtoritajiet pubbliċi, iżda bit-tama li tispira anke lix-xerrejja tas-settur privat. Il-Gwida ssegwi l-proċedura ta’ akkwist pass b’pass, u tispjega kif il-kunsiderazzjonijiet soċjali, pereżempju s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, jista’ jittieħed kont tagħhom fi stadji differenti tal-proċedura ta’ akkwist.

Pereżempju, ġeneralment huwa aktar xieraq li l-kunsiderazzjonijiet soċjali rigward il-kundizzjonijiet ta’ xogħol jiġu inklużi fil-klawżoli ta’ esekuzzjoni tal-kuntratt, peress li ma jikkwalifikawx, b’mod ġenerali, bħala speċifikazzjonijiet tekniċi jew kriterji tal-għażla, fi ħdan it-tifsira tad-Direttivi dwar l-Akkwist.

Madankollu, hu permess fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, pereżempju, f'kuntratt għal xogħlijiet, ir-rekwiżit għal miżuri biex jiġu evitati aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u kundizzjonijiet speċifiċi għal ħażna ta’

prodotti perikolużi sabiex tiġi salvagwardjata s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

Meta jintgħażlu fornituri, fornituri ta’ servizzi u kuntratturi, l-offerenti jistgħu jiġu esklużi wkoll minħabba nuqqas ta’ konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Fil-klawżoli ta’ esekuzzjoni tal-kuntratt, awtoritajiet kontrattwali jistgħu jinkludu wkoll kunsiderazzjonijiet soċjali għas-sottokuntratturi rigward, pereżempju, rekwiżiti dwar is-saħħa u s-sigurtà,

Eċċezzjonalment, kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jiġu inklużi fil-kriterji tal-għoti għall-kuntratt bħala ‘kriterju addizzjonali’ biex issir id-differenza bejn żewġ offerti ugwali [12].

# 4. Standards Ewropej relatati mal-manutenzjoni

L-istandards huma dokumenti formali għall-unifikazzjoni ta’ suġġetti materjali u mhux materjali (kriterji tekniċi, metodi, proċessi jew prattiki). L-istandards jiżguraw karatteristiċi speċifiċi ta' servizzi / prodotti bħal aspetti ta’ immaniġġjar, sigurtà, ambjentali, u / jew ta’ kwalità. Huma jippreżentaw proċessi jew prattiki tal-ogħal livell ta’ żvilupp tekniku. Minħabba fir-rekwiżiti ta’ sigurtà l-ġodda, metodi ġodda u materjali u evoluzzjoni teknoloġika, ħafna mill-istandards jeħtieġu reviżjoni perjodika.

L-istandards tal-manutenzjoni jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tas-servizz u l-abbiltà li dan juruh lill-klijenti. L-istandards jipprovdu wkoll benefiċċji f'termini ta’ titjib tal-għarfien u l-komunikazzjoni permezz ta’ terminoloġija komuni u relazzjoni kuntrattwali mtejba. Huma jgħinu wkoll lill-fornituri tas-servizzi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti leġislattivi u regolatorji relatati mas-saħħa u s-sigurtà [12].

L-istandards li ġejjin huma relatati mal-manutenzjoni.

**Tabella 2: Standards relatati mal-manutenzjoni [13]**

| | |
|---|---|
| Manutenzjoni | CEN/TS 15331:2005 Kriterji għal disinn, immaniġġjar u kontroll ta’ servizzi ta’ manutenzjoni għal bini (nota: l-istandard ġie rivedut u pubblikat reċentement bħala EN 15331:2011)<br>EN 13269:2006 Manutenzjoni - Linja gwida dwar il-preparazzjoni tal-kuntratti ta’ manutenzjoni (nota: preċedentement ENV (qabel l-istandard) 13269 pubblikat fl-2001)<br>EN 15341:2007 Manutenzjoni - Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni tal-Manutenzjoni<br>CEN/TR 15628:2007 Manutenzjoni - Kwalifikazzjoni tal-persunal ta’ Manutenzjoni (nota: taħt reviżjoni biex isir EN)<br>EN 13460:2009 Manutenzjoni - Dokumentazzjoni għal manutenzjoni (nota: l-ewwel verżjoni pubblikata fl-2002)<br>EN 13306:2010 Manutenzjoni - Terminoloġija ta’ manutenzjoni (nota: l-ewwel verżjoni pubblikata fl-2001) |

### EN 13306:2001 Terminoloġija ta’ manutenzjoni

Dan l-istandard Ewropew jispeċifika termini u definizzjonijiet ġeneriċi għall-oqsma tekniċi, amministrattivi u maniġerjali ta’ manutenzjoni [4]. Xi standards EN 13306 implimentati fuq il-livell nazzjonali huma multilingwi. Dawn id-definizzjonijiet huma utli għal komunikazzjoni effettiva u biex jiġi prevenut nuqqas ta’ ftehim bejn il-klijent u l-kuntrattur(i).

**EN 13460:2009 Manutenzjoni - dokumentazzjoni għal manutenzjoni**

Dan l-istandard jispeċifika linji gwida ġenerali għad-dokumentazzjoni teknika li għandha tiġi fornita ma’ oġġett (l-aktar tard qabel ma jkun lest biex jibda jintuża) sabiex tiġi sostnuta l-manutenzjoni tiegħu, u hu mmirat prinċiparjament lejn disinjaturi, manifatturi, kittieba tekniċi u fornituri ta’ dokumentazzjoni.

**EN 13269:2006 Manutenzjoni - Linja gwida dwar il-preparazzjoni ta’ kunratti ta’ manutenzjoni**

Dan l-istandard jipprovdi gwida dwar il-preparazzjoni ta’ kuntratti ta’ servizz ta’ manutenzjoni u jista’ jintuża minn kumpaniji fil-preparazzjoni tal-ftehim tagħhom. Hi tkopri l-firxa kollha tas-servizzi ta’ manutenzjoni (operazzjonijiet ta’ manutenzjoni, kif ukoll ippjanar, immaniġġjar u kontroll), kull tip ta’ oġġett, u ftehimiet kemm domestiċi kif ukoll transkonfinali.

**EN 15341:2007 Manutenzjoni - indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni**

Dan l-istandard jipprovdi Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) relatati mal-manutenzjoni u sistema għall-immaniġġjar tal-KPIs biex tiġi mkejla l-prestazzjoni tal-manutenzjoni. L-istandard ikopri manutenzjoni in ġenerali, mhux relatata ma’ magna jew industrija speċifika, u l-maġġoranza tal-indikaturi fi ħdan l-istandard japplikaw għall-faċilitajiet kollha industrijali u ta’ appoġġ (bini, infrastruttura, trasport, distribuzzjoni, netwerks, eċċ.).

**CEN/TS 15331:2005 Kriterji għal disinn, immaniġġjar u kontroll ta’ servizzi ta’ manutenzjoni għal bini**

Din l-Ispeċifikazzjoni Teknika tispeċifika l-kriterji u l-metodi ġenerali involuti fl-ippjanar, l-immaniġġjar u l-kontroll ta’ manutenzjoni fil-bini u l-inħawi ta’ madwarhom, skont l-objettivi tas-sidien u l-utenti u l-kwalità ta’ manutenzjoni meħtieġa. Hi intiża li tgħin fl-ibbaġitjar għal manutenzjoni u l-iskedar tal-attivitajiet ta’ manutenzjoni sabiex tittejjeb il-profitabbiltà tal-bini.

**CEN/TR 15628:2007 Manutenzjoni - Kwalifikazzjoni tal-Persunal ta’ Manutenzjoni**

Dan ir-Rapport Tekniku jipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tad-definizzjoni tal-livelli ta’ kompetenza għall-persunal li jopera fil-manutenzjoni, kif ukoll il-livelli ta' għarfien meħtieġa biex jitwettqu dawn il-kompetenzi.

Id-dokument jikkategorizza l-persunal ta’ manutenzjoni fi tliet livelli - Tekniku ta’ Manutenzjoni Ewropew, Superviżur u Maniġer - u għal kull wieħed jipprovdi dettalji tal-livell ta’ għarfien meħtieġ f’oqsma ta’ kompetenzi differenti, u għaldaqstant ir-rekwiżiti li għandhom jiġu inkorporati fi ħdan it-taħriġ tal-manutenzjoni, inklużi dawk relatati mas-sigurtà u l-ambjent.

# 5. Aspetti ta’ saħħa u sigurtà fl-akkwist ta’ manutenzjoni

Il-figura li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta’ akkwist inklużi l-passi differenti għal klijenti (fuq in-naħa tax-xellug) u kuntratturi (fornituri esterni tas-servizzi, fuq in-naħa tal-lemin), (A = kompitu tal-klijent, B = , kompitu tal-kuntrattur Il-kompiti mmarkati AB huma r-responsabbiltà taż-żewġ partijiet) Wara tiġi d-deskrizzjoni tal-passi.

**Figura 1 : Ħarsa ġenerali lejn il-passi għall-ikkuntrattar ta’ servizzi ta’ manutenzjoni**



**A-1 Definizzjoni tat-talbiet (firxa ta’ servizzi) u rekwiżiti**

B’mod simultanju għad-definizzjoni tax-xogħlijiet u l-firxa ta’ kompiti, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri biex ikun żgurat li l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali u r-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma identifikati u inkorporati fil-proċedura ta’ akkwist tas-servizzi ta’ manutenzjoni. L-istrateġija ta’ akkwist għandha tinkludi strateġiji ta’ evalwazzjoni tal-offerti u mudelli li jittestjaw il-kapaċità tal-offerenti li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà. Preparazzjonijiet għas-selezzjoni tal-kuntrattur għandhom jinkludu l-istabbiliment ta’ kriterji għall-evalwazzjoni tal-istandards ta’ saħħa u sigurtà tagħhom.

**B-1 Valutazzjoni tal-kompetenzi u r-riżorsi, preparazzjoni tal-offerta tal-prezzijiet /offerta**

Meta tiġi pubblikata talba miftuħa għal kwotazzjoni / offerta, l-offerent ta' prezzijiet / offerent (possibbli) (fornitur ta’ servizzi ta’ manutenzjoni) jikkontrolla t-talbiet u r-rekwiżiti (ara A-1) u jikkunsidrahom flimkien mal-kapaċitajiet u r-riżorsi tiegħu stess.

Ħafna kumpaniji jippubblikaw kodiċijiet ta’ kondotta li jelenkaw regoli ġenerali tal-imġiba ta’ fornitur, [14]. Ir-rapporti tar-responsabbiltajiet soċjali korporattivi (CSR) [15] jipprovdu wkoll informazzjoni dwar il-prinċipji ta’ gwida għall-kumpaniji fl-oqsma soċjali u ambjentali li huma japplikaw fl-operazzjoni tan-negozju tagħhom u fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet interessati [16]. Barra minn hekk, hemm pjattaformi ta’ informazzjoni differenti għal negozju u akkwist, li jipprovdu informazzjoni dwar miżuri ta’ akkwist u sigurtà [17].

**A-2 Selezzjoni tal-kuntrattur / fornitur ta’ servizz**

Ħarsa ġenerali lejn il-kriterji ġenerali u ta’ saħħa u sigurtà għas-selezzjoni ta’ (sotto)kuntratturi, kif ukoll indikaturi u sorsi ta’ informazzjoni, qiegħda tingħata fit-Tabella 3

**Tabella 3: Aspetti / kriterji, indikaturi u sorsi ta’ informazzjoni għas-selezzjoni ta’ (sotto)kuntratturi [4; 18; 19; 20; 21]**

| Aspetti / kriterji | Indikaturi | Sorsi |
|---|---|---|
| Kapaċitajiet tekniċi biex jitwettaq il-kuntratt | ▪ attivitajiet ewlenin tal-kumpanija<br>▪ esperjenza ta’ xogħol simili<br>▪ tagħmir tekniku<br>▪ sistema ta'' kontroll tal-kwalità<br>▪ ħiliet u kwalifiki<br>▪ kwalifiki speċjali (eż. issaldjar skont l-ISO 9606) [35] | ▪ sit elettroniku tal-kumpanija<br>▪ portafoll tal-offerent tal-prezzijiet / offerent<br>▪ ċertifikati<br>▪ dokumentazzjoni dwar sistema ta’ kontroll tal-kwalità<br>▪ referenzi minn klijenti oħrajn |
| Ġestjoni ta’ saħħa u sigurtà | ▪ politiki ta’ saħħa u sigurtà<br>▪ sistemi siguri ta’ xogħol<br>▪ taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà<br>▪ prestazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà<br>▪ tagħmir tekniku u tagħmir personali protettiv | ▪ regoli dwar sigurtà ġenerali<br>▪ stqarrijiet dwar metodi ta’ xogħol siguri<br>▪ ċertifikazzjonijiet għal<br>▪ ġestjoni ta’ sigurtà (eż. BeSaCC Belgian Safety Criteria for Contractors [19] / MASE Manuel d' Amélioration Sécurité des Entreprises [20] / SCC Safety Checklist Contractors [21])<br>▪ ġestjoni tal-kwalità (eż. l-ISO 9000)<br>▪ ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà (eż. OHSAS 18001)<br>▪ ġestjoni ambjentali (eż. l-ISO 14001)<br>▪ awditjar, akkreditazzjonijiet<br>▪ aċċidenti u statistiċi tas-saħħa għall-fornitur ta’ servizz |

| | | |
|---|---|---|
| Selezzjoni u superviżjoni ta’ sottokuntratturi | ▪ ġestjoni ta’ akkwist tal-offerent<br>▪ sistema ta’ superviżjoni | ▪ dokumentazzjoni tas-selezzjoni ta’ sottokuntratturi<br>▪ awditjar<br>▪ komunikazzjoni oħra |
| Offerti baxxi b’mod abnormali / offerti bir-riskju ta’ standards baxxi ta’ saħħa u sigurtà | ▪ kalkoli ta’’ spejjeż<br>▪ skedi ta’ ħin | ▪ kontenut tal-offerta / offerta ta’ prezzijiet<br>▪ sessjonijiet ta’ ħidma<br>▪ komunikazzjoni ma’ offerent / offerent ta’ prezzijiet |

Id-direttivi dwar l-akkwist pubbliku jippermettu awtoritajiet kontrattwali fl-Istati Membri li pprovdew għal din il-possibbiltà fil-leġislazzjoni nazzjonali biex jeskludu minn proċedura għall-akkwist pubbliku kull kandidat jew offerent li ma jkunx irrispetta d-dispożizzjonijiet ta’ din il-leġislazzjoni. Dawn il-klawżoli ta’ esklużjoni jistgħu jinkludu, pereżempju, nuqqas ta’ konformità ma’ dispożizzjonijiet dwar saħħa u sigurtà. [12].

**B-2 Preżentazzjoni tal-offerta ta’ prezzijiet /offerta**

Jekk ikun hemm il-bżonn ta’ kooperazzjoni komprensivau fit-tul bejn il-klijent u l-fornitur(i) ta’ servizz (eż. f’industriji tal-proċess), tista’ tkun ta’ għajnuna, u f’xi każijiet anke essenzjali, li tiġi preżentata l-offerta ta’’ prezzijiet / offerta waqt sessjoni ta’ ħidma moderata. Kunċetti u standards ta’ sigurtà għandhom jiġu diskussi fid-dettall waqt il-preżentazzjoni.

**A-3 Regoli dwar is-sigurtà speċifiċi għall-post u kundizzjonijiet ta’ xogħol**

Wara s-selezzjoni ta’ offerent ta’ prezzijiet / offerent, il-klijent jipprovdi informazzjoni dwar ir-regoli dwar is-sigurtà speċifiċi għall-post u l-kundizzjonijiet ta’ xogħol

**AB-4 Spezzjoni fuq il-post**

L-ispezzjonijiet fuq il-post jgħinu biex jiġi minimizzat in-nuqqas ta’ ftehim bejn il-klijent u l-kuntrattur. Ir-regoli dwar is-sigurtà għandhom jiġu diskussi u ċċarati fuq il-post tax-xogħol qabel jibda x-xogħol proprju. Għandhom jitqiesu riskji addizzjonali potenzjali fuq il-post u jekk ikun hemm bżonn, għandhom jsir qbil dwar mizuri addizzjonali.

**AB-5 Ftehim dwar responsabbiltajiet, obbligi u persuni ta’ kuntatt**

Il-ftehim dwar rwoli u responsabbiltajiet hu pass ieħor essenzjali fl-akkwist. Jinkludi l-ħatra ta’ koordinatur, in-nomina ta’ superviżuri u persuni ta’ kuntatt, u d-definizzjoni ta’ strutturi ta’ komunikazzjoni.

**AB-6 Koordinazzjoni ta’ kompiti u immaniġġjar tal-ħin**

Jekk il-manutenzjoni ma titwettaqx waqt l-għeluq tal-impjant hemm bżonn ta’ koordinazzjoni tajba bejn il-persunal tal-produzzjoni u tal-manutenzjoni. Fejn ikun hemm aktar minn kuntrattur wieħed u aktar minn attività waħda fuq il-post fl-istess waqt, hemm bżonn ta’ pjan ta' proġett solidu u skedar ta’ xogħol sabiex tiġi prevenuta l-interferenza. Waqt il-proċess tal-ippjanar, riskji relatati maż-żmien u ż-żmien tal-ilqugħ għandhom jiġu kkunsidrati wkoll. Filwaqt li t-tħassib primarju hu s-saħħa u s-sigurtà, il-koordinazzjoni adegwata tax-xogħol tal-kuntrattur u kif jidħlu fil-pjan ġenerali tal-proġett jew fil-proċess li jkun għaddej kif ukoll komunikazzjoni bir-reqqa se jżidu wkoll l-effiċjenza.

**AB-7 Valutazzjoni tar-riskju**

Il-valutazzjoni tar-riskju għal attivitajiet ta’ manutenzjoni teħtieġ b’mod partikolari kooperazzjoni tajba bejn il-kuntrattur u l-klijent: il-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet hi neċessarja għal valutazzjoni tar-riskju(i) adegwata(i).

Il-valutazzjoni tar-riskju għandha titwettaq u tiġi ffirmata mill-klijent u l-kuntrattur qabel ma tibda l-manutenzjoni. Aktar dettalji dwar dan huma mogħtija fl-e-fatt ‘Manutenzjoni sigura - ħidma ma’ kuntratturi u sottokuntratturi’ [22].

### AB-8 / AB-9 Preparazzjoni u ffirmar tal-kuntratt

Ladarba l-passi preċedenti jkunu tlestew, jista’ jitfassal il-kuntratt ta’ servizz. Apparti klawżoli dwar kwistjonijiet tekniċi, finanzjarji u legali, hi prattika tajba li rekwiżiti relatati ma’ saħħa u sigurtà jiġu inklużi fil-kuntratt. Dan hu mod tajjeb kif il-kuntrattur isir konxju mir-rekwiżiti tal-klijent għal saħħa u sigurtà, u x’inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom.

Skont l-istandard Ewropew EN 13269, aspetti dwar is-saħħa u s-sigurtà huma wkoll elementi tal-kuntratti (ara t-Taqsima 4)

L-iffirmar tal-kuntratt hu att formali u ladarba jsir, il-fornitur(i) ta’ servizz jista’ jibda x-xogħol. L-aspetti dwar is-saħħa u s-sigurtà ta’ ħidma ma’ kuntratturi ta’ manutenzjoni huma s-suġġett tal-e-fatti ‘Manutenzjoni sigura - ħidma ma’ kuntratturi u sottokuntratturi’[22].

### AB-10 Valutazzjoni ta’ wara l-kuntratt

Il-kuntratt u l-annessi tiegħu se jkollhom informazzjoni dettaljata dwar is-servizzi li għandhom jitwettqu. Madankollu, jistgħu jsiru bidliet waqt li jkun qed isir ix-xogħol. Għandha ssir valutazzjoni ta’ wara l-kuntratt biex ikun jista’ jsir titjib fil-futur fir-rigward ta’ kwistjonijiet bħall-istrateġija tal-manutenzjoni, il-proċess tax-xogħol u l-interazzjoni bejn il-klijent u l-kuntrattur. Idealment, iż-żewġ partijiet għandhom jiġbru d-dejta, u jirrekordjaw l-esperjenzi u l-għarfien matul il-proċess kollu ta’ manutenzjoni. Dan l-input jista’ jintuża bħala feedback għall-klijent u / jew il-kuntrattur sabiex tiġi mtejba l-prestazzjoni teknika, organizattiva u ta’ saħħa u sigurtà tagħhom kif ukoll għal referenza futura.

# 6. Referenzi

[1] EU-OSHA - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2002 ’Rapport - Forom ġodda ta’ relazzjonijiet kuntrattwali u l-implikazzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali’, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/reports/206/view

[2] EU-OSHA - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2002 Skeda Informattiva 25 - ‘Forom ġodda ta’ relazzjonijiet kuntrattwali u l-implikazzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali’, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/25/view

[3] EU-OSHA - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Skeda Informattiva 90 ‘Il-Manutenzjoni u l-OSHA - Stampa statistika’. Il-Lussemburgu 2010 Disponibbli fuq: http://osha.europa.eu/mt/publications/factsheets/90/view

[4] Schliephacke, J., ‘Fremdfirmeneinsatz - Checklisten helfen dem Auftraggeber beim Umgang mit Fremdfirmen’, Sicherheitsingenieur, Nru 12, 2001.

[5] EU-OSHA - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Rivista 12, 2011, C.Grusenmeyer, Titjib tal-għarfien ta’ organizzazzjoni ta’ manutenzjoni biex jiġu żgurati attivitajiet siguri ta’manutenzjoni f’kumpaniji. Disponibbli fuq http://osha.europa.eu/en/publications/magazine/magazine12/view

[6] EU-OSHA - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ‘Il-Manutenzjoni u s-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali: Stampa statistika.’ Il-Lussemburgu 2010, disponibbli onlajn fuq: http://osha.europa.eu/en/publications/literature reviews/maintenance OSH statistics

[7] HSE 2002 ‘Użu ta’ kuntratturi - responsabbiltà konġunta’ http://www.hse.gov.uk/pubns/indg368.pdf

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta’ miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea L 183, 29.6.1989, p. 1-8, http://eurlex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:31989L0391:EN:HTML

[9] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġiet minimi ta’ sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati f’postijiet ta’ kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva 89/391/KEE), il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea L 245, 26.8.1992, p. 6-22, Miksub fl-14 ta’ Settembru 2010, minn: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:31992L0057:EN:HTML

[10] Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta’ akkwisti ta’ entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali, il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 134, 30.4.2004, p. 1-113, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2004:134:0001:0113:EN:PDF

[11] Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi. ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114-240 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2004:134:0114:0240:EN:PDF

[12] Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs 2010 tal-Kummissjoni Ewropea "Xiri Soċjali - Gwida sabiex Jitqiesu l-Kunsiderazzjonijiet Soċjali fl-Akkwisti Pubbliċi’ Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=6457&langId=en

[13] Stroyan, J., Brown, N. Studju dwar l-implimentazzjoni ta’ standards ta’ servizzi u l-impatt tagħhom fuq il-fornituri u l-utenti ta’ servizzi, 2012, Grupp Technopolis ftp://ftp.cen.eu/CEN/Sectors/List/Services/Technopolis20120124.pdf

[14] Tantaline (2010). Kodiċi ta’ Kondotta għal Fornituri u sottokuntratturi. Miksub fl-14 ta’ Settembru 2010, minn: http://www.tantaline.com/Code-of-conduct-for-suppliers-353.aspx

[15] Vattenfall (2010). Rapport dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva 2009. Miksub fl-14 ta’ Settembru 2010, minn: http://www.vattenfall.com/en/file/2-20100331-094929.pdf

[16] EU-OSHA - Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (2010). Introduzzjoni għal responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR). http://osha.europa.eu/en/topics/business/index html/csr

[17] CSR Europe (2010). In-netwerk tan-negozji Ewropew għas-CSR Miksub fl-14 ta’ Settembru 2010, minn: http://www.csreurope.org/cgi-bin/search.cgi?m=any&q=procurementKrug, P. (2010). LAA NRW: Arbeitsschutz bei Vertragsarbeit. Landesweites Programm. http://www.nordrheinwestfalendirekt.de/broschuerenservice/download/546/EDITA 9.pdf

[18] L-Istituzzjoni tal-Inġinerija u t-Teknoloġija (2010). Maniġment tal-Kuntrattur. http://www.theiet.org/factfiles/health/hsb19.cfm?type=pdf

[19] BeSaCC-VCA (2010). BeSaCC Belgian Safety Criterias for Contractors. Miksub fl-14 ta’ Settembru 2010, minn: http://www.besacc-vca.be

[20] MASE (2010). Manuel d' Amélioration Sécurité des Entreprises. Miksub fl-14 ta’ Settembru 2010, minn: http://www.mase.com.fr

[21] SCC-Sekretariat (2010). Safety Checklist Contractors. http://www.scc-sekretariat.de

[22] EU-OSHA (2012) E-fact 62 - ‘Manutenzjoni sigura - ħidma ma’ kuntratturi u sottokuntratturi'. Disponibbli fuq: http://osha.europa.eu/en/publications/e-facts/e-fact-62-safe-maintenance-working-with-contractors-and-subcontractors/view